



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Marzu 2020
(OR. en)

7091/20

POSEIDOM 1
POSEICAN 1
POSEIMA 1
REGIO 39
PECHE 79
ENER 97
FISC 81
EDUC 115
PROCIV 17
COMPET 134
RELEX 253

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 104 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar s'hubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 104 final.

Mehmuż: COM(2020) 104 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2020
COM(2020) 104 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU
U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK
EWROPEW TAL-INVESTIMENT**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sħubija strateġika
aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE**

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport janalizza l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni “**Sħubija strateġika** aktar b’saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea” (il-Komunikazzjoni)¹.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE - Guadeloupe, il-Guyana Françiża, Martinique, Mayotte, il-Gżira ta’ Reunion u Saint-Martin (Franza), l-Azores u Madeira (il-Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja) - jiffaċċjaw **restrizzjonijiet** permanenti marbuta mal-periferiċità, id-daqs żgħir, il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima u l-insularità tagħhom², li jrażżnu t-tkabbir u l-iżvilupp tagħhom. Huwa f’dan il-kuntest li t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 349 tat-TFUE), jipprevedi **miżuri speċifiċi** biex jiġu appoġġati r-reġjuni ultraperiferiċi, inklużi kundizzjonijiet imfassla apposta għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f’dawn ir-reġjuni u għall-aċċess għall-programmi tal-UE.

Mifruxa madwar l-Oċean Atlantiku, il-baċin tal-Karibew, l-Amerika Latina u l-Oċean Indjan, ir-reġjuni ultraperiferiċi jipprovdu lill-UE b’**assi uniċi**: bijodiversità rikka, pożizzjoni strateġika għal attivitajiet spazjali u astrofiżiċi, żoni ekonomiċi marittimi estensivi, prossimità għal kontinenti oħrajn.

F’Ottubru 2017, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li ssaħħaħ is-sħubija mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-Istati Membri rispettivi u li ssaħħaħ l-impenn tagħha li tappoġġa lil dawn ir-reġjuni fi triqithom lejn it-tkabbir. F’April 2018, il-Kunsill laqa’ l-Komunikazzjoni b’sodisfazzjon u stieden lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem fuq miżuri speċifiċi għal dawn ir-reġjuni f’konformità mal-Artikolu 349 tat-TFUE³.

Dan ir-rapport jippreżenta l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni, mir-reġjuni ultraperiferiċi u mill-Istati Membri rispettivi fis-setturi stabbiliti fil-Komunikazzjoni⁴; huwa jenfasizza l-kisbiet⁵; u jissuġġerixxi li l-isforzi jiġu ffokati fuq l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-introduzzjoni ta’ ekonomija ċirkolari u l-għoti ta’ spinta lill-enerġija rinnovabbli. Dawn huma sfidi ewlenin għal dawn ir-reġjuni kif rikonoxxuti fl-inizjattiva ewlenija “Patt Ekoloġiku Ewropew”,⁶ li tenfasizza li l-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li tqis il-vulnerabbiltà tagħhom għat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali u l-assi uniċi tagħhom bħall-bijodiversità u s-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli. Ir-rapport jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi f’setturi ewlenin oħrajn bħall-ekonomija blu u l-konnettività.

Governanza ġdida bbażata fuq sħubija soda

Sa mill-2017, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qieset sistematikament **it-tħassib u l-interessi** tar-reġjuni ultraperiferiċi fit-**tfassil tal-politika**.

Fl-2018, il-Kummissjoni inkludiet l-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-21 **proposta għall-programmi tal-UE 2021-2027** f’firxa wiesgħa ta’ setturi, inklużi l-koeżjoni, l-agrikoltura, is-sajd, ir-riċerka, l-ambjent, it-trasport u l-konnettività diġitali, kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali. Bħala tali, il-Kummissjoni ħolqot opportunitajiet ġodda u żgurat dispożizzjonijiet apposta għal dawn ir-reġjuni fil-parti l-kbira tal-programmi tal-UE.

Fl-2019, il-Kummissjoni rrakkomandat li Franza, il-Portugall u Spanja jinvestu fondi tal-politika ta’ koeżjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom f’setturi ewlenin bħall-ekonomija ċirkolari, il-konnettività, il-ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola fil-kuntest tar-rapporti tal-pajjiżi tas-**Semestru Ewropew**. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-Kunsill jistiednu lil dawn l-Istati Membri biex jużaw il-fondi ta’ koeżjoni, filwaqt li jqisu d-disparitajiet reġjonali u s-sitwazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi. Ir-rapporti tal-pajjiżi rispettivi tal-2020 jenfasizzaw ukoll l-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi.

¹ COM(2017) 623 final.

² Ir-reġjuni ultraperiferiċi huma l-gżejjer jew l-arċipelagi kollha, ħliet il-Guyana Françiża li tinsab fl-Amerika Latina.

³ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ta’ April 2018.

⁴ Ir-rapport ikopri azzjonijiet mill-adozzjoni tal-Komunikazzjoni ‘1 hawn.

⁵ L-Annessi jippreżentaw l-azzjonijiet meħuda minn kull reġjun ultraperiferiku u l-Istat Membru rispettiv.

⁶ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew - il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2019) 640 final, 11.12.2019.

Il-Kummissjoni analizzat l-impatt possibbli tal-**ftehimiet kummerċjali** li qed jiġu nnegozjati fuq is-sekturi ekonomiċi ewlenin tar-reġjuni ultraperiferiċi⁷. B'riżultat ta' dan, il-ftehim politiku tal-2019 dwar il-parti kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Mercosur fih klawżola ta' salvagwardja biex tiġi protetta l-produzzjoni lokali tar-reġjuni ultraperiferiċi. L-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi qed jiġu analizzati fir-rieżami li għaddej tal-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u tar-reġimi ta' tassazzjoni speċjali ta' dawn ir-reġjuni.

Il-Kummissjoni kkonsultat mar-reġjuni ultraperiferiċi dwar il-ħtiġijiet tagħhom u pprovdiet appoġġ imfassal apposta, kif xieraq. Pereżempju, il-Kummissjoni kkonsultat mar-reġjuni ultraperiferiċi dwar il-ħtiġijiet tagħhom ta' adattament għat-tibdil fil-klima u ħasbet biex dawn ikunu riflessi fis-sejħa għal proposti tal-programm LIFE⁸ għall-2019. Hija organizzat ukoll żewġ avvenimenti biex tappoġġa lil dawn ir-reġjuni fit-tfassil ta' strateġiji dwar it-tkabbir blu⁹. Ir-reġjuni ultraperiferiċi żiedu l-isforzi tagħhom biex jesprimu l-interessi tagħhom billi kkontribwew b'madwar 30 reazzjoni għall-konsultazzjonijiet pubbliċi. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni waslet għand in-nies tar-reġjuni ultraperiferiċi permezz ta' djalogi maċ-ċittadini: f'Martinique u fil-Gżejjer Kanarji fl-2018, fl-Azores u f'Madeira fl-2019.

Il-fondi tal-UE għall-koeżjoni, l-agrikoltura, is-sajd u l-politika marittima skjeraw mezzi sinifikanti biex jappoġġaw l-investiment lokali li jsaħħa is-sħubija mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-Istati Membri rispettivi, b'mod partikolari l-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, l-ambjent u l-konnettività¹⁰. L-appoġġ minn dawk il-fondi jammonta għal aktar minn EUR 13-il biljun għall-perjodu 2014-2020.

Il-Kummissjoni waqqfet **żewġ task forces** iddedikati għall-għoti ta' appoġġ lill-Gżira ta' Reunion dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u lill-Gżejjer Kanarji dwar l-immaniġġjar tal-iskart, li jlaqqgħu flimkien is-servizzi tal-Kummissjoni mal-partijiet ikkonċernati reġjonali u nazzjonali.

L-Uffiċċju tal-istatistika tal-UE (Eurostat) żviluppa paġna tal-internet dwar id-*data* tar-reġjuni ultraperiferiċi¹¹. Fl-2019, il-Kummissjoni nediet studju biex ittejjeb id-*data* u l-għarfien għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajd u l-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut f'dawn ir-reġjuni. L-uffiċċju tal-istatistika ta' Franza qed jikkoopera ma' Saint-Martin u Sint-Maarten biex jiġbor *data* lokali. L-Uffiċċju tal-istatistika tal-Portugall qed jaħdem ma' Madeira u l-Azores dwar *data* tal-agrikoltura, il-baħar u t-trasport; l-Azores qed itejbu d-*data* dwar l-ekonomija blu u l-Gżejjer Kanarji qed itejbu d-*data* dwar il-produzzjoni lokali.

Il-Kummissjoni irrikonoxxiet il-preokkupazzjonijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi f'għadd bla preċedent ta' inizjattivi tal-UE u r-reġjuni rdoppjaw l-isforzi biex jipprovdu kontribut għat-tfassil tal-politika. Hemm spazju biex jiġi esplorat aktar il-potenzjal tat-task forces. Il-ġbir tad-data fil-livell tar-reġjuni ultraperiferiċi huwa meħtieġ biex jappoġġa t-tfassil tal-politika adattat għal dawn ir-reġjuni.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/13 dwar id-direttivi ta' negozjar ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku tiddikjara li dawn il-ftehimiet "jipprevedu miżuri speċifiċi favur prodotti minn dawn ir-reġjuni, immirati lejn l-integrazzjoni tagħhom fil-kummerċ intrareġjonali".

⁸ L'Instrument Financier pour l'Environnement.

⁹ Il-Forum tar-Reġjuni Ultraperiferiċi għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fl-2018 u l-2019.

¹⁰ <https://cohesiondata.ec.europa.eu/2014-2020/2014-2020-RUPs-OR-EU-planned-investment/8gwq-ke5u>

¹¹ Ir-reġjuni u l-bliet spjegati: <https://ec.europa.eu/eurostat/cache/RCI/#?vis=outermost.economy&lang=en>

2. NIBNU FUQ L-ASSI TAR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI

Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-assi tar-reġjuni ultraperiferiċi – inklużi l-ekonomija blu, il-bijodiversità, is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli – u tressaq azzjoni biex jiġu żviluppati opportunitajiet f'dawn is-setturi bl-għan li jiġi appoġġat it-tkabbir.

L-ekonomija blu

Il-Kummissjoni saħħet il-qafas ġuridiku u finanzjarju biex issaħħaħ l-ekonomija blu fir-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li żgurat il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u l-ekosistemi tal-baħar. Fl-2018, il-Kummissjoni rrevediet il-**linji gwida tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat** biex tippermetti l-appoġġ pubbliku għall-akkwist ta' bastimenti tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi taħt sett ta' kundizzjonijiet immirati biex jiggarrantixxu sajd sostenibbli.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll **miżuri speċifiċi** għar-reġjuni ultraperiferiċi fil-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2021-2027, inkluż baġit allokat għal dawn ir-reġjuni kemm għall-investimenti strutturali kif ukoll għall-**kumpens** ta' spejjeż addizzjonali. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li kull Stat Membru jiżviluppa **pjan ta' azzjoni** li jindirizza l-isfidi relatati mas-sajd u mal-ekonomija blu sostenibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi tiegħu.

Fl-2019, il-Kummissjoni ħolqot Kunsill Konsultattiv għar-Reġjuni Ultraperiferiċi biex jikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati minn dawn ir-reġjuni dwar kwistjonijiet relatati mas-sajd u żgurat li l-**Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u Mercosur** jimpenja lill-partijiet biex jiġġieldu s-sajd illegali. Fir-rigward tal-kapaċità tal-flotta, fl-2019 il-Kummissjoni ppreżentat **evalwazzjoni tal-iskema ta' "Dħul/Ħruġ"** skont il-Politika Komuni tas-Sajd. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni enfasizzat ir-rwol ċentrali tal-ekonomija blu fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tippromwovi modi kif l-ispazju marittimu jiġi ġestit b'mod aktar sostenibbli.

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-Oċeani filwaqt li enfasizza l-importanza tal-politiki Ewropej għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fl-appoġġ tal-ekonomija blu tar-reġjuni ultraperiferiċi, u l-vulnerabbiltà ta' dawn ir-reġjuni għat-tibdil fil-klima li qed jaffettwa l-kosti, l-ekosistemi u l-bijodiversità tagħhom¹².

Ir-reġjuni ultraperiferiċi qed isawru **l-istrategġiji tal-ekonomija blu** bl-għan li jiksibu użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u jippreservaw il-bijodiversità – il-progress huwa irregolari u jvarja fil-firxa u l-enfasi tiegħu. Xi reġjuni qed itejbu l-ippjanar spazjali marittimu għal użu aħjar tal-oċeani, b'mod partikolari l-Azores, Madeira, il-Gżejjer Kanarji u l-Gżira ta' Reunion bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. Ħafna reġjuni żviluppaw **miżuri ta' sostenn** bħal strumenti finanzjarji għal operatori fuq skala żgħira (linja ta' kreditu ta' Madeira għal intrapriżi żgħar, self tal-Guyana Franċiża lil operatori żgħar; l-għajjnuna ta' Mayotte għall-akkwiżizzjoni ta' bastimenti), u l-iżvilupp tal-ħiliet (Martinique, l-Azores, Madeira).

Ir-reġjuni ultraperiferiċi qed jinvestu aktar f'**setturi emerġenti**, bħall-monitoraġġ u l-esplorazzjoni ta' spazji marittimi (l-Osservatorju Atlantiku tal-Azores), jew l-enerġija rinnovabbli tal-baħar (il-pjattaforma PLOCAN tal-Gżejjer Kanarji). Ir-reġjuni ultraperiferiċi kollha rawmu **l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd** permezz tal-proġett ORFISH; u xi wħud qed jippromwovu t-turiżmu blu sostenibbli, pereżempju fil-Baħar tal-Karibew.

Sabiex jagħtu spinta lit-tkabbir blu, ir-reġjuni jeħtieġu strategġiji komprensivi u mfassla apposta għall-ekonomija blu li jinkludu setturi tradizzjonali u innovattivi. F'dan ir-rigward, l-iffokar fuq attivitajiet innovattivi, it-titjib tal-għarfien xjentifiku dwar is-sajd u ż-żoni tal-baħar u l-massimizzazzjoni tal-appoġġ nazzjonali u tal-UE huma importanti.

L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

¹² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra tat-19 ta' Novembru 2019.

Il-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tal-**Politika Agrikola Komuni 2021-2027** tipprevdi kundizzjonijiet u derogi speċifiċi li jirriflettu l-ħtiġijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi. Il-proposti jipprevedu li l-pjanijiet strateġiċi nazzjonali jaqsu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi; u li dawn ir-reġjuni jibbenefikaw mir-rati massimi ta' kofinanzjament taħt il-**Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**; u minn sett ta' kundizzjonijiet favorevoli speċifiċi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li tkompli l-iskema agrikola tal-UE **POSEI** għar-reġjuni ultraperiferiċi, biex b'hekk iżomm il-pagamenti diretti lill-bdiewa f'dawn ir-reġjuni. Fl-2017-2019, l-iskema tal-POSEI appoġġat il-produzzjoni agrikola u l-impjiegi fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, iggarantixxiet il-provvista ta' prodotti agrikoli magħżula lil dawn ir-reġjuni, u taffiet l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport ta' dawn il-prodotti.

Bl-appoġġ tal-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom kofinanzjati mill-UE, ir-reġjuni ultraperiferiċi għenu lill-bdiewa żgħażagħ ikabbru u jikkummerċjalizzaw prodotti bħall-avokado, il-banana, il-kannamieli taz-zokkor, u żviluppaw miżuri agroambjentali u inizjattivi ta'¹³ LEADER. Dawn il-miżuri jagħmlu enfasi qawwija fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjoni rurali.

Bosta reġjuni ultraperiferiċi żviluppaw **skemi ta' kwalità** għall-prodotti agrikoli flimkien ma' miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni. Oħrajn investew f'**teknoloġiji agrikoli ġodda**, bħal dawk għat-tkabbir ta' pjanti u ħxejjex mingħajr ħamrija f'Saint-Martin, bl-użu ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod fl-Azores, u l-ittestjar tal-użu ta' riżorsi organiċi fil-Guyana Franċiża. Il-gvern Franċiż qed jiżviluppa wkoll **għodod għall-ġestjoni tar-riskji**, pereżempju għall-produzzjoni tal-banana.

L-agrikoltura għadha settur ewlieni: l-iżgurar tal-kwalità u l-innovazzjoni fil-produzzjoni lokali, introjtu ġust għall-bdiewa u l-ottimizzazzjoni tal-għodod ta' appoġġ huma l-isfidi ewlenin li jridu jingħelbu.

Il-bijodiversità

Sabiex tappoġġa lir-reġjuni ultraperiferiċi fil-preservazzjoni tal-bijodiversità unika tagħhom, fl-2019 il-Kummissjoni nediet sejħa għal proġetti mfassla għall-ħtiġijiet u l-kapaċità ta' dawn ir-reġjuni (Life4BEST). Il-Kummissjoni pproponiet li l-**programm LIFE 2021-2027** jappoġġa n-natura u l-bijodiversità fir-reġjuni ultraperiferiċi; u jagħti attenzjoni speċjali lil dawn ir-reġjuni fil-kriterji tal-għoti tiegħu. Barra minn hekk, il-proġetti tal-bijodiversità huma eliġibbli għall-finanzjament skont il-proposta tal-Kummissjoni għall-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2021-2027**.

Il-Kummissjoni enfasizzat il-bijodiversità unika tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-Patt Ekoloġiku tagħha, li jippreżenta t-tibdil fil-klima bħala wieħed mill-ixprunaturi ewlenin tat-telf tal-bijodiversità.

Franza intensifikat l-isforzi tagħha biex tappoġġa l-bijodiversità fir-reġjuni ultraperiferiċi tagħha bi pjan ta' azzjoni ddedikat (2018). L-aġenzija Franċiża għall-bijodiversità qed tappoġġa aktar minn 80 proġett fir-reġjuni ultraperiferiċi. Il-Portugall iffinanzia proġetti biex jappoġġa r-riżervi tal-bijosfera fl-Azores u f'Madeira. Il-Guyana Franċiża, il-Gzira ta' Reunion, Guadeloupe u Mayotte qed jistabbilixxu aġenziji reġjonali tal-bijodiversità. Martinique nediet programm biex tippreserva u tagħti valur lill-bijodiversità (2019), filwaqt li l-Gzira ta' Reunion u l-Azores qed jipproteġu l-habitats lokali u l-ispeċijiet endemiċi b'appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali¹⁴ u l-programm LIFE.

Barra minn hekk, ir-reġjuni ultraperiferiċi żiedu l-kooperazzjoni tagħhom dwar il-bijodiversità ma' **Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej jew pajjiżi terzi** taħt il-programmi Interreg.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi jospitaw sehem importanti mill-bijodiversità tal-UE li tikkostitwixxi wieħed mill-assi ewlenin tagħhom. Huma meħtieġa sforzi sostnuti u kkoordinati fil-politiki kollha sabiex tiġi ppreservata l-bijodiversità ta' dawn ir-reġjuni, filwaqt li jiġi esplorat il-potenzjal tagħha.

L-ekonomija ċirkolari

¹³ Il-Programm LEADER: Liaison entre actions de développement de l'économie rurale ("Ir-rabta bejn l-azzjonijiet tal-iżvilupp u l-ekonomija rurali").

¹⁴ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali alloka aktar minn EUR 54 miljun għall-bijodiversità fir-reġjuni ultraperiferiċi fil-perjodu 2014-2020.

Il-Kummissjoni kellha fil-mira tagħha b'mod speċifiku r-reġjuni ultraperiferiċi **fil-programm ta' ħidma LIFE 2018-2020**. **L-immaniġġjar tal-iskart** f'dawn ir-reġjuni huwa fost it-temi ta' dan il-programm ta' ħidma. Barra minn hekk, fuq talba tal-Gżejjer Kanarji u bl-appoġġ ta' Spanja, il-Kummissjoni waqqfet task force biex tidentifika l-ostakoli u tfassal soluzzjonijiet biex ittejjeb il-ġbir, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u t-traċċabbiltà tal-iskart fuq dawn il-gżejjer, billi tlaqqa' flimkien l-amministrazzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jappoġġa t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari fil-perjodu 2021-2027.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2019 dwar l-ekonomija ċirkolari, il-Kunsill enfażizza l-ħtieġa li titqies is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi u li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva. Barra minn hekk, f'Marzu 2020 il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti u jiffoka fuq setturi ta' intensità għolja, li jenfasizza l-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Fl-2019, Franza ddikjarat l-intenzjoni li tagħmel progress lejn "skart zero" fit-territorji extra-Ewropej tagħha¹⁵. Ir-reġjuni Franċiżi qed jiżviluppaw pjanijiet reġjonali għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart; l-Azores irrevedew il-pjan strateġiku reġjonali tagħhom għall-iskart.

Il-biċċa l-kbira tar-reġjuni ultraperiferiċi qed isawru pjanijiet ta' azzjoni tal-ekonomija ċirkolari li jinkludu l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, kif ukoll l-immaniġġjar tal-iskart. Diversi reġjuni żviluppaw proġetti biex jintroduċu mudelli tal-ekonomija ċirkolari, inaqqsu l-iskart u jeliminaw l-iskart tal-plastik. Fl-2018-2019, il-biċċa l-kbira tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi nedew sejħiet għal proġetti biex tiġi żviluppata ekonomija ċirkolari bl-appoġġ tal-aġenzija Franċiża għall-ambjent u l-enerġija. Pereżempju, il-Gżira ta' Reunion implimentat 22 proġett relatati mal-ekonomija ċirkolari, li jvarjaw mid-disinn u t-tul tal-ħajja tal-prodotti għar-riċiklaġġ; Martinique ħolqot servizzi ta' tiswiġa u organizzat kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar it-tnaqqis tal-iskart.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom ħafna x'jiggrawdanjaw mill-implimentazzjoni ta' mudelli tal-ekonomija ċirkolari bħala kundizzjoni essenzjali għat-tkabbir sostenibbli. Huwa importanti li jiġi ttrattat l-isforzi fuq l-immaniġġjar tal-iskart, b'mod partikolari fuq it-tiġib taċ-ċirkolarità fl-immaniġġjar u t-trattament tal-iskart bijoloġiku u fit-tnaqqis tal-iskart permezz tal-użu mill-ġdid jew it-tiswiġa.

It-tibdil fil-klima

Fl-evalwazzjoni tagħha tal-2018 tal-istrateġija ta' adattament tal-UE, il-Kummissjoni ssottolinjat il-ħtieġa li taqleb mill-ġenerazzjoni tal-għarfien għall-użu tiegħu biex tissawwar l-azzjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar **il-Patt Ekoloġiku**, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tadotta strateġija ambizzjuża tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-programm ta' ħidma LIFE 2018-2020 jistabbilixxi speċifikament proġetti dwar it-tnejn għal **avvenimenti estremi tat-temp** fir-reġjuni ultraperiferiċi. F'dan il-kuntest, LIFE qed jappoġġa lil Guadeloupe u lill-Guyana Franċiża fir-restawr tal-ekosistemi tagħhom biex jipproteġu t-territorji tagħhom kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima, bħaż-żieda fil-livell tal-baħar.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll it-tibdil fil-klima bħala waħda mill-prijoritajiet ta' investiment tagħha fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2021-2027¹⁶. Il-Kummissjoni użat ukoll EUR 49 miljun mill-Fond ta' **Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea** biex tappoġġa r-rikostruzzjoni ta' Saint-Martin u Guadeloupe li ntlawqat severament mill-uragani Irma u Maria fl-2017. Dan il-fond ġie mmobilizzat ukoll biex jappoġġa lill-Azores, li ntlawqat mill-uragan Lorenzo f'Ottubru 2019¹⁷.

Fl-2019, Franza ħatret delegat biex iħaffef **il-miżuri preventivi u ta' adattament** fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. F'Settembru 2019, l-Azores adottaw programm reġjonali dwar it-Tibdil fil-Klima, filwaqt li l-Gżejjer Kanarji waqqfu Osservatorju dwar it-Tibdil fil-Klima fl-2018.

¹⁵ Trajectoire outre-mer 5.0.

¹⁶ L-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ppjanat għat-tibdil fil-klima fir-reġjuni ultraperiferiċi kollha fil-perjodu 2014-2020 huwa ta' madwar EUR 1,1 biljun.

¹⁷ F'Diċembru 2019 tħallas avvanz fuq l-assistenza mistennija mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi huma partikolarment vulnerabbli għal avvenimenti klimatiċi severi marbuta mat-tibdil fil-klima. Hemm il-hteġa għal azzjoni sostnuta u kkoordinata fil-livelli kollha, fil-politiki kollha, li twassal l-investimenti għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' adattament, il-bini tar-reżiljenza, il-prevenzjoni u t-tnejja għat-tibdil fil-klima.

L-enerġija

L-UE adottat leġiżlazzjoni biex tappoġġa l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Pereżempju, id-Direttiva tal-2018 dwar l-Enerġija Rinnovabbli¹⁸ – li għandha tiġi trasposta sa nofs l-2021 – tirrikonoxxi r-rwol tal-komunitajiet lokali fit-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa, rwol partikolarment importanti f'territorji iżolati bħar-reġjuni ultraperiferiċi.

Fil-kuntest tal-**inizzjattiva “Enerġija nadifa għall-gżejjer tal-UE”**, il-Kummissjoni qed tipprovdi pariri lil Guadeloupe, lill-Azores u lill-Gżejjer Kanarji dwar kif għandhom jiġu żviluppati strateġiji u proġetti dwar l-enerġija nadifa, u ppromwoviet l-għarfien tar-reġjuni ultraperiferiċi dwar l-enerġija rinnovabbli fil-forum annwali tal-inizzjattiva fil-Gżejjer Kanarji fl-2018. Barra minn hekk, fl-2019, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ faċilità¹⁹, appoġġata minn Orizzont 2020, biex timmobilizza mill-inqas EUR 100 miljun fi proġetti ta' enerġija sostenibbli fil-gżejjer Ewropej, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, u impenjat ruħha fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku li tiżviluppa qafas ta' politika fit-tul biex titthaffet it-tranżizzjoni tal-gżejjer tal-UE, kif appoġġat mill-Istati Membri.

Mill-2021, il-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa** (FNE) mistennija tipprovdi opportunitajiet importanti għar-reġjuni ultraperiferiċi: rata preferenzjali għax-xogħlijiet marbuta mal-enerġija (u dawk diġitali u tat-trasport) u l-għoti ta' attenzjoni speċjali fil-kriterji tal-għoti. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tiffoka l-investimenti tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fil-perjodu 2021-2027 fuq il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli bħala waħda mill-prijoritajiet tagħha għal Ewropa aktar ekoloġika.

Fuq talba tal-Gżira ta' Reunion, fl-2018 il-Kummissjoni waqqfet **task force dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija** b'rappreżentanti minn servizzi reġjonali u nazzjonali u mis-settur privat, li wasslet għal pjan ta' azzjoni biex tittejjeb il-koordinazzjoni bejn inizzjattivi differenti.

Fl-2019, Franza nediet sejħiet biex tappoġġa żoni li mhumiex konnessi mal-kontinent: aktar minn terz tal-baġit ta' EUR 530 miljun huwa ddedikat għall-popolazzjonijiet fil-bżonn. Spanja tappoġġa t-taħriġ u t-tixrid tal-għarfien dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika fil-Gżejjer Kanarji.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi nedew l-istrateġiji tagħhom stess biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u jżidu l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Huma żviluppaw ukoll proġetti b'finanzjament nazzjonali jew tal-UE, bħall-produzzjoni tal-elettriku mix-xemx jew mill-bijomassa (Martinique, Guadeloupe, il-Guyana Franċiża) u l-grilji żgħar intelliġenti (il-Gżira ta' Reunion). Ħafna reġjuni ultraperiferiċi investew fil-mobbiltà elettrika. Sa mill-2017, il-Gżejjer Kanarji żiedu b'aktar mid-doppju l-ammont ta' ħin li matulu l-Gżira ta' El Hierro qed tuża enerġija 100% rinnovabbli.

Minħabba d-dipendenza tar-reġjuni ultraperiferiċi fuq il-fjuwils fossili importati, huma meħtieġa sforzi sostnuti biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari l-investment fil-grilji intelliġenti u l-ħażna, f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluża l-enerġija tal-baħar, f'soluzzjonijiet ta' trasport nadif u fl-effiċjenza enerġetika li jikkontribwixxi għall-awtonomija tal-enerġija f'dawn ir-reġjuni remoti kif ukoll għan-newtralità tal-karbonju.

3. INSOSTNU T-TKABBIR U L-ĦOLQIEN TAL-IMPJIEGI

¹⁸ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

¹⁹ <https://www.nesoi.eu/>

Il-Komunikazzjoni tressaq azzjoni biex jiġi sfruttat it-tkabbir fir-reġjuni ultraperiferiċi, inklużi l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, l-iżvilupp tal-ħiliet, kif ukoll il-konnessjonijiet diġitali u tat-trasport.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

Sabiex tingħata spinta lill-potenzjal tar-riċerka tar-reġjuni ultraperiferiċi, il-Kummissjoni nediet sejħa ddedikata għal **azzjoni ta' koordinazzjoni u appoġġ** taħt il-programm ta' riċerka tal-UE Orizzont 2020. Dan irriżulta fil-proġett FORWARD li jlaqqa' flimkien l-universitajiet, l-industrija, is-soċjetà ċivili u l-gvernijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi kollha biex **jimmappjaw il-kapaċitajiet tar-riċerka tagħhom**, jidentifikaw oqsma ta' eċċellenza u jappoġġaw il-parteċipazzjoni tagħhom fi proġetti internazzjonali ta' riċerka.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li l-programm tal-UE **“Orizzont Ewropa” 2021-2027** jestendi l-azzjonijiet tiegħu ta' “twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza” għar-reġjuni ultraperiferiċi. Barra minn hekk, fl-2021-2027, dawn ir-reġjuni jistgħu jibbenefikaw mill-istrument il-ġdid għal investimenti interreġjonali innovattivi fi ħdan il-kooperazzjoni territorjali Ewropea biex jipparteċipaw f'katini ta' valur globali u jżidu r-rabtiet tagħhom ma' reġjuni Ewropej oħra f'oqsma komuni ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

Il-biċċa l-kbira tar-reġjuni ultraperiferiċi qed jevalwaw l-**istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti** tagħhom²⁰ biex jadattaw l-ekosistemi tal-innovazzjoni tagħhom għall-aktar setturi promettenti. L-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji qed isawru l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni transreġjonali tal-Makaroneżja. Ir-reġjuni ultraperiferiċi żviluppaw inizjattivi biex irawmu l-integrazzjoni tal-atturi lokali fin-netwerks internazzjonali tar-riċerka u biex itejbu l-parteċipazzjoni tagħhom fir-riċerka ffinanzjata mill-UE (eż. il-Pjan tal-Azores għall-Internazzjonalizzazzjoni tax-Xjenza u t-Teknoloġija). Franza kompliet tagħmel hilita biex tagħti spinta lill-kapaċità tal-innovazzjoni tar-reġjuni tagħha bil-Pjan ta' Investiment Kbir Franċiż għall-perjodu 2018-2022.

Is-setturi fil-mira jvarjaw skont ir-reġjuni. Xi reġjuni ffokaw fuq l-ekonomija blu, pereżempju bil-proġett Orizzont 2020 dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima mit-trasport marittimu, it-turiżmu, l-enerġija u l-akkwakultura li jinvolvu r-reġjuni tal-Makaroneżja u tal-Karibew. Oħrajn investew fl-ispazju, pereżempju, l-Azores u l-Portugall bil-port spazjali internazzjonali l-ġdid u l-aġenzija spazjali Portugiża fuq il-gżira ta' Santa Maria. Reġjuni oħrajn investew fit-tranżizzjoni tal-enerġija (l-azzjoni tal-Gżira ta' Reunion u tal-Gżejjer Kanarji għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija), fuq il-kura tas-saħħa (Madeira, Guadeloupe); u fuq l-iżvilupp ta' riżorsi agrikoli jew prodotti kożmetiċi bbażati fuq sustanzi naturali (il-Guyana Franċiża).

L-iżvilupp tal-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi huwa essenzjali biex tingħata spinta lit-tkabbir f'dawn ir-reġjuni. Iż-żieda tal-parteċipazzjoni tagħhom fin-netwerks internazzjonali tar-riċerka u l-ktajjen tal-valur globali kemm fl-Ewropa kif ukoll ma' pajjiżi terzi tista' tgħin lir-reġjuni ultraperiferiċi jsaħħu s-sistemi ta' innovazzjoni tagħhom u joħlqu l-impjiegi.

L-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ

Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE qed jipprovdu appoġġ sostanzjali għall-iżvilupp soċjali fir-reġjuni ultraperiferiċi²¹.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Fond Soċjali Ewropew Plus 2021-2027 tissalvagwardja l-ogħla rati ta' kofinanzjament għar-reġjuni ultraperiferiċi, tistabbilixxi **allokazzjoni addizzjonali speċifika** biex tappoġġa l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni f'dawn ir-reġjuni, u talloka 15 % tal-linja nazzjonali

²⁰ L-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti biex jappoġġaw lir-reġjuni u lill-Istati Membri fit-tranżizzjoni ekonomika tagħhom hija prekondizzjoni biex huma jibbenefikaw mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fil-perjodu 2014-2020.

²¹ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali flimkien allokaw aktar minn EUR 3 biljun biex jappoġġaw l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-impjiegi fir-reġjuni ultraperiferiċi fil-perjodu 2014-2020.

<https://cohesiondata.ec.europa.eu/2014-2020/2014-2020-RUPs-OR-EU-planned-investment/8gwq-ke5u>

biex **tappoġġa liż-żgħażaġh** f'dawk ir-reġjuni ultraperiferiċi b'rata sinifikanti ta' persuni li mhumiex f'impjieġ, edukazzjoni jew taħriġ.

Fl-2018, il-Kummissjoni tejbet l-aċċess għall-mikrofinanzjament fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi billi żiedet il-garanzija tal-Programm għall-Impjieġi u l-Innovazzjoni Soċjali għal ADIE, li hija assoċjazzjoni li tappoġġa lill-imprendituri żgħar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kompliet iżżid l-allokazzjoni tal-**Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ** għal Franza, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tagħha, kif ukoll ir-riżorsi tal-**Fond Soċjali Ewropew** għal Spanja, inklużi l-Gżejjer Kanarji.

Fl-istess sena, fi ħdan **Erasmus+**, il-Kummissjoni żiedet l-għotja ta' kull xahar għar-residenti tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-għotjiet għall-ivvjaġġar għaċ-ċittadini ta' Mayotte u tal-Gżira ta' Reunion²². Il-Kummissjoni estendiet ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-Erasmus għaċ-ċittadini tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-**Korp Ewropew ta' Solidarjetà**. Fil-proposta tagħha għal Erasmus 2021-2027, il-Kummissjoni impenjat ruħha li **żżid il-parteeipazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi** fi skemi ta' mobbiltà, inkluż ma' **pajjiżi ġirien**, u li timmonitorja din il-parteeipazzjoni.

Franza rrevediet il-leġiżlazzjoni tagħha²³ bl-għan li tiżviluppa kuntratti ta' apprendistat ma' pajjiżi terzi ġirien. Il-bieċa l-kbira tar-reġjuni ultraperiferiċi – Martinique, il-Gżira ta' Reunion, l-Azores, Madeira, il-Gżejjer Kanarji – żviluppaw pjaniġiet ta' azzjoni biex itejbu l-intraprenditorija fi ħdan il-proġett ta' Interreg GROWUP immirat lejn il-persuni qiegħda fis-setturi tal-ekonomija blu u ekoloġika. Il-Guyana Franċiża ħolqot lawrja ta' baċellerat professjonali fl-istudji ajruspazjali; il-Gżira ta' Reunion qed tinvesti fl-università reġjonali tagħha; l-Azores nedew diversi inizjattivi biex jippromwovu l-impjieġ taż-żgħażaġh.

It-titjib tal-ħiliet, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, huwa essenzjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u biex tissaħħaħ l-impjegabbiltà taċ-ċittadini. Aktar investment fil-mobbiltà internazzjonali jtejjeb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien u jappoġġa l-integrazzjoni reġjonali.

Il-kompetittività, l-intraprenditorija u s-suq uniku

Il-politika ta' koeżjoni u l-politika tal-agrikoltura tal-UE jipprovdu appoġġ sostanzjali biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-SMEs fir-reġjuni ultraperiferiċi²⁴.

Sabiex jittejjeb l-aċċess ta' dawn ir-reġjuni għall-finanzjament, **iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti** analizza s-sitwazzjoni ta' kull reġjun u ppropona modi biex jiġi mmassimizzat l-appoġġ finanzjarju, inkluż mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi²⁵. Il-Kummissjoni rawmet diskussjonijiet mal-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali u mal-istituzzjonijiet finanzjarji dwar is-soluzzjonijiet proposti u inkoraġġiet l-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni għall-programm InvestEU tħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw il-fallimenti tas-suq fir-reġjuni ultraperiferiċi, bl-użu tal-programm biex jattiraw l-investment privat u jżidu l-ingranaġġ tal-finanzjament.

Fl-2019, il-Kummissjoni nediet sejħa għall-proposti taħt **Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ**, li tħeġġeġ lill-applikanti jinkludu entitajiet mir-reġjuni ultraperiferiċi. B'riżultat ta' dan, l-ewwel punt ta' kuntatt f'Martinique qed jappoġġa lill-imprendituri lokali. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-**Programm tas-Suq Uniku 2021-2027** tenfasizza wkoll il-ħtieġa li r-reġjuni ultraperiferiċi jiġu

²² Permezz tal-ħolqien ta' għotjiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għal residenti li jivvjaġġaw minn aktar minn 8 000 km bogħod.

²³ "Loi relative à la liberté de choisir son avenir professionnel", 5.9.2018.

²⁴ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali qed jikkofinanzjaw proġetti maħsuba biex jappoġġaw il-kompetittività tal-SMEs fir-reġjuni ultraperiferiċi b'valur ta' EUR 1,5 biljun fil-perjodu 2014-2020

<https://cohesiondata.ec.europa.eu/2014-2020/2014-2020-RUPs-OR-EU-planned-investment/8gwq-ke5u>

²⁵ https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/policy/themes/outermost-regions/pdf/rup_2019/invest_platform_feasibility_study_en.pdf

integrati aħjar fis-suq intern. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li l-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** jkompli jipprovdi allokkazzjoni speċifika biex tpaċi l-ispejjeż addizzjonali li jiffaċċjaw l-intrapriżi li jinsabu f'dawn ir-reġjuni. L-appoġġ min-**Netwerk Enterprise Europe** huwa disponibbli fl-Azores, f'Madeira, fil-Gżejjer Kanarji, f'Martinique, fi Guadeloupe u fil-Gżira ta' Reunion.

Franza appoġġat lill-kumpaniji tar-reġjuni ultraperiferiċi bi skemi fiskali jew kundizzjonijiet ta' finanzjament speċifiċi. Il-Gżejjer Kanarji u Martinique fasslu strateġiji għall-internazzjonalizzazzjoni. Xi reġjuni intensifikaw ir-relazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi ġirien. Pereżempju, Guadeloupe appoġġat lin-negozji biex jesportaw lejn l-Istati Uniti; il-Gżira ta' Reunion ħolqot servizz biex tappoġġa lil negozji ġodda fil-Mozambique u strumenti finanzjarji għall-SMEs appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Mayotte u l-Gżira ta' Reunion qed jistabbilixxu t-Teknopoli.

Huma meħtieġa sforzi akbar fil-livelli kollha biex titjieb l-intraprenditorija u biex tingħata spinta lill-kompetittività f'setturi b'potenzjal għoli, bħall-bijodiversità u l-ekonomija blu.

L-aċċessibbiltà diġitali

Fl-2017, il-Kummissjoni nediet in-netwerk tal-UE ta' **uffiċċji ta' kompetenza fil-broadband** biex tappoġġa lill-Istati Membri u lir-reġjuni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji biex il-broadband jinġieb f'żoni li mhumex servuti minn skjerament kummerċjali. Il-Kummissjoni ħeġġet il-parteċipazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi f'dan in-netwerk u rrakkomandat li l-Istati Membri jappoġġaw l-involvement tagħhom. Il-Kummissjoni approvat ukoll żewġ proġetti ewlenin għal networks tal-broadband b'veloċità għolja fil-Gżira ta' Reunion (2018) u f'Martinique (2019), li għandhom jiġu appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Fil-proposta tagħha għall-programm tal-Ewropa Diġitali 2021-2027, il-Kummissjoni pprevediet entitajiet diġitali speċifiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi u identifikat dawn ir-reġjuni fil-kriterji tal-għoti. Barra minn hekk, taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027, proġetti li jappoġġaw networks ċentrali ġodda jew aġġornati, inklużi kejbils taħt il-baħar bejn l-Istati Membri u bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, se jkunu eliġibbli għall-appoġġ. Barra minn hekk, il-lista indikattiva ta' proġetti ta' infrastruttura ta' konnettività diġitali ta' interess komuni li jakkumpanjaw il-proposta tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa²⁶ kif modifikata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill²⁷ tinkludi kejbil ġdid taħt il-baħar li jgħaqqad lil Madeira, l-Azores u l-Portugall kontinentali. Il-proġetti tal-konnettività diġitali fir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jibbenefikaw minn rata ogħla ta' kofinanzjament.

Franza żiedet il-ħiliet diġitali billi investiet fiċ-ċentri tal-edukazzjoni, filwaqt li Madeira u l-Gżejjer Kanarji żviluppaw korsijiet ġodda. Fl-2019, il-Portugall ħoloq grupp ta' ħidma biex iħejji s-sostituzzjoni tal-kejbils ta' taħt il-baħar bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi tiegħu u l-kontinent. Barra minn hekk, Madeira u l-Guyana Franċiża ppjanaw li jikkonnettjaw mal-kejbil ta' taħt il-baħar li jgħaqqad lill-Portugall mal-Brażil b'appoġġ mill-UE ta' EUR 26,5 miljun.

Iż-żieda tad-diġitalizzazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi abbażi ta' konnettività tajba mal-UE u ma' pajjiżi terzi hija importanti biex tippermetti lil dawn ir-reġjuni jieħdu vantaġġ mis-suq uniku diġitali u jagħmlu n-negozju internazzjonalment. In-netwerk ta' uffiċċji ta' kompetenza fil-broadband jista' jgħin lir-reġjuni ultraperiferiċi jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jimplimentaw proġetti f'dan is-settur permezz ta' skambju ta' Prattiki tajbin u appoġġ tekniku.

It-trasport

Il-Kummissjoni pproponiet dispożizzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027: ix-xogħlijiet tat-trasport, bħall-konnessjonijiet mal-ajruporti, mal-portijiet u man-nodi urbani f'dawn ir-reġjuni huma eliġibbli għal finanzjament u jistgħu jibbenefikaw minn rata ogħla ta' kofinanzjament.

²⁶ Il-Parti V tal-Anness tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - COM(2018) 438 final.

²⁷ Trilogu dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fis-7 ta' Marzu 2019.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li, bħala eċċezzjoni, ir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jużaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2021-2027 biex jinvestu fl-**infrastruttura tal-ajruporti**. Fl-2019, il-Kummissjoni pprovdiet ukoll lir-reġjuni ultraperiferiċi b'analiżi tal-ħtiġijiet ta' konnettività tagħhom, filwaqt li identifika l-infrastruttura potenzjali u l-proġetti relatati mas-servizzi.

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tipproponi rieżami tal-**linji gwida tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport fl-2021**, u li tanalizza t-tħassib speċifiku tar-reġjuni ultraperiferiċi f'dan il-kuntest. Fl-aħħar nett, il-Bank Ewropew tal-Investiment investa EUR 100 miljun u EUR 60 miljun, rispettivament, fl-ajruporti tal-Gżira ta' Reunion u ta' Guadeloupe b'appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi komplew itejbu l-infrastruttura interna tat-trasport bit-triq u dak marittimu bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Dan jinkludi t-titjib tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq u l-iżvilupp tat-trasport pubbliku f'Madeira, fil-Guyana Franċiża u f'Mayotte; u t-titjib tal-aċċessibbiltà ta' diversi gżejjer fl-Azores. Barra minn hekk, il-Guyana Franċiża qed tistabbilixxi rotot ġodda tat-trasport marittimu ma' pajjiżi terzi u Guadeloupe qed tistabbilixxi konnessjoni għda ta' titjiriet mal-Istati Uniti.

Huma meħtieġa sforzi sostnuti fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE biex tiġi appoġġata l-konnettività fir-reġjuni ultraperiferiċi. F'dan ir-rigward, huwa importanti li tiffassal sensiela b'saħħitha ta' proġetti u li jiġi ottimizzat l-appoġġ disponibbli.

4. ŻIEDA TAL-KOOPERAZZJONI TAR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI MAL-VIĊINAT TAGĦHOM U LIL HINN MINNU

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea 2021-27 għandha l-għan li **tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-ġirien tagħhom** b'baġit delimitat u regoli flessibbli dwar il-kooperazzjoni allinjati mal-istrument ta' finanzjament estern. F'dan il-kuntest, ir-reġjuni ultraperiferiċi skambjaw prattiki tajbin biex **jiffaċilitaw proġetti konġunti** fl-2019 u stabbilixxew pjattaformi komuni li jinvolvu programmi esterni.

L-UE nediet negozjati mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku dwar il-ftehim ta' wara Cotonou, b'mandat ta' negozjar li jinkludi l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati t-tħassib u s-sitwazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi. Dan il-ftehim huwa importanti fit-tiswir tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet globali bħall-governanza tal-oċeani.

Fl-2019, Guadeloupe saret membru tal-Organizzazzjoni tal-Istati tal-Karibew tal-Lvant u Saint-Martin talbet li ssir osservatur. Il-Guyana Franċiża nediet studju dwar l-ostakoli li jiffaċċjaw il-kumpaniji lokali, filwaqt li Martinique u l-Gżira ta' Reunion appoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi lokali u l-Gżira ta' Reunion u Mayotte appoġġaw il-mobbiltà tal-istudenti lejn pajjiżi terzi. Ir-reġjuni ultraperiferiċi pparteċipaw fi proġetti ta' kooperazzjoni reġjonali mal-ġirien tagħhom, pereżempju dwar it-trasport, is-saħħa, it-turiżmu blu, il-ħiliet. Ir-reġjuni tal-Makaroneżja saħħew il-kooperazzjoni ma' Cabo Verde, mal-Mawritanja u mas-Senegal permezz tal-proġett Hexagone taħt il-programm ta' kooperazzjoni territorjali tagħhom. Fl-2018 u fl-2019, il-pajjiżi tal-Baħar tal-Karibew, flimkien mar-reġjuni ultraperiferiċi fiż-żona, wettqu eżerċizzju konġunt biex jittestjaw is-Sistema ta' Twissija Bikrija tat-Tsunami.

Xi reġjuni ultraperiferiċi qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi importanti minħabba **l-migrazzjoni**. F'dan il-kuntest, il-programmi nazzjonali appoġġati permezz ta' diversi Fondi tal-UE jinkludu għadd ta' azzjonijiet iddedikati. Pereżempju, il-Fond tal-UE għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna appoġġaw il-ġestjoni tat-talbiet għall-asil fil-Guyana Franċiża, l-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri fl-Azores u f'Madeira, u l-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol fil-Gżejjer Kanarji. Franza ħolqot servizzi speċjalizzati dwar il-migrazzjoni f'Mayotte. F'Madeira, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni appoġġaw proġetti maħsuba biex jipprovdut l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali u l-akkomodazzjoni lil ċittadini mill-Venezwela. Fir-rigward tal-mobbiltà mal-**ġirien**, l-UE saħħet ir-relazzjonijiet mal-Marokk, kif ikkonfermat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk ta' Ġunju 2019.

Il-bini tal-fiduċja fil-pajjiżi għrien u l-iżvilupp ta' prattiki komuni għall-qsim tar-riżorsi huma kruċjali biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet ġodda għall-kooperazzjoni. Pjattaformi li jinvolvu kemm il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali kif ukoll il-partijiet ikkonċernati tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jistgħu jappoġġaw dan l-iskop. Il-ftehimiet ta' sħubija dwar il-mobbiltà jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni reġjonali.

5. KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2017 "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" tinsab fit-triq it-tajba. Fi ftit aktar minn sentejn, il-Komunikazzjoni wasslet għal riżultati pożittivi konkreti għar-reġjuni ultraperiferiċi.

Il-Kummissjoni wettqet l-impenji tagħha billi ħolqot opportunitajiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi f'firxa wiesgħa ta' programmi tal-UE, billi adattat b'mod konsistenti l-leġislazzjoni, il-politiki u l-għodod tal-UE għall-ħtiġijiet u l-interessi tagħhom, u billi pprovdiet appoġġ imfassal apposta għal dawn ir-reġjuni. Huwa importanti li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw programmi tal-UE matul il-perjodu 2021-2027, li jipprovdu aċċess imfassal apposta u kundizzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi kif propost mill-Kummissjoni.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-Istati Membri rispettivi taw sehemhom billi adottaw strateġiji reġjonali u nazzjonali u żviluppaw inizzjattivi konkreti biex jimplimentaw il-Komunikazzjoni, u billi semmgħu lehinom fit-tfassil tal-politika.

Meta jitqies il-progress li sar, l-implimentazzjoni sħiħa tal-Komunikazzjoni **tirrikjedi li l-isforzi jitħaffu u jiġu ffokati, fil-livelli kollha, fuq setturi ewlenin: l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-introduzzjoni ta' ekonomija ċirkolari u l-bidla lejn enerġija rinnovabbli.** L-investment f'dawn is-setturi huwa partikolarment importanti biex jiġi żgurat it-tkabbir sostenibbli f'dawn ir-reġjuni vulnerabbli, remoti u iżolati tal-UE. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lir-rwol tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-Patt Ekoloġiku, filwaqt li tqis il-vulnerabbiltajiet u l-assi tagħhom. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jikkostitwixxi sors importanti ta' finanzjament għall-investment f'dawn is-setturi.

Barra minn hekk, hemm bżonn li jissoktaw l-isforzi biex tkompli tiġi żviluppata l-ekonomija blu u tittejjeb il-konnettività fir-reġjuni ultraperiferiċi. L-investment fuq il-ħiliet jibqa' fattur ewlieni biex jappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi u l-intraprenditorija fis-setturi kollha.

Sħubija robusta u kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea, ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-Istati Membri rispettivi jibqgħu kruċjali għall-iżvilupp tal-potenzjal ta' dawn ir-reġjuni remoti u għall-appoġġ għat-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija ekoloġika li tqiegħed lin-nies l-ewwel. Filwaqt li s-sitwazzjoni ta' kull reġjun ultraperiferiku tvarja b'mod konsiderevoli, għad hemm ħafna xi jsir biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn dawn ir-reġjuni u l-kontinent Ewropew.

L-ilħuq tar-reġjuni ultraperiferiċi jikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni Ewropea inklużiva **li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.** Min-naħa l-oħra, ir-reġjuni ultraperiferiċi, bl-assi uniċi tagħhom, jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti lejn **Unjoni Ewropea aktar ekoloġika, newtrali għall-klima u sostenibbli.**